**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 51

Data tal-laqgħa: 18 t'April, 2018

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 18 t'April 2018 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| Assenti b'Apoloġiji | Mark Azzopardi |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Skużata |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.05p.m. billi ntqalet it-talba.

**51/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**51/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Mark Azzopardi. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

**51/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 50**

**51/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**51/02/02** **Para 50/02/04:** Fuq id-diversi toqob li jridu jsiru mill-ħaddiema tad-dipartiment tax-xogħlijiet, ix-xogħol għadu pendenti.

**51/02/03** **Para 50/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv irċeviet l-istima mingħand is-Sur Mario Mallia, din kienet tinkludi r-*refreshing* tal-*junction box* fi Triq San Ġwann k/m Triq M. Murrey u d-diversi xogħlijiet ta' bankini (€374.60 VAT inkluż). Kien hemm qbil unanimu li s-Sur Mallia jagħmel dan ix-xogħol.

51/02/04 **Para 50/02/07:** Is-Sindku qal li l-attività ta' Ħadd il-Palm saret u li s-servizz ta' trasport ħadem tajjeb. Is-Sur Christopher Fenech qal li l-bandisti l-iktar li użaw dan is-servizz u s-Sur Mario Gauci qal li inqas minn ħamsin ruħ użaw il-van. Is-Sindku qal li din kienet l-ewwel darba u għaldaqstant forsi mhux kulħadd kien jaf bis-servizz tal-*Park and Ride*.

51/02/05 **Para 50/02/08:** Is-Sindku ltaqa' ma' Sur Douglas Azzopardi, dan tal-aħħar mill-ewwel aċċetta li jirranġa l-bankina perikoluża fi Triq Dun S. Zarb u fil-fatt ġiet ħafna aħjar.

51/02/06 **Para 50/02/09:** Is-Sindku qal li issa għandna s-servizz tal-ilma fil-Ġnien ta' Żagħruna. Is-Sur Christopher Fenech saħaq li hemm bżonn nixtru kaxxa għal arloġġ, kif ukoll żewġ vitien u pajp. Kien hemm qbil unanimu li s-Sur Daniel Bezzina jagħmel dan ix-xogħol.

51/02/07 **Para 50/02/10:** Is-Sindku qal li l-Projects Implementation Directorate għandu jlesti l-bankina l-ġdida ta' quddiem Borg Furniture fi Triq Santa Katerina matul il-ġimgħat li ġejjin.

51/02/08 **Para 50/02/11:** Is-Sindku wera lill-Kunsilliera l-materjal li suġġerixxa l-Perit Chris Grech għal proġett ta' Triq Għaxqet l-Għajn għat-Triq u l-Ġnien. Il-Perit Grech talab 1% għal preparazzjoni tal-BOQ u €700 għal preparazzjoni tal-*specs*, pjanti dettaljati u *provisions*. Is-Sur Aquilina qal li aktarx ikun hemm bżonn *Land Survey* b'valur ta' EUR1,400. Kien hemm qbil unanimu.

51/02/09 **Para 50/02/13:** Is-Sindku qal li żewġ *u-bars* dekorattivi għaz-zuntier ġew ordnati.

51/02/10 **Para 50/02/14**: Is-Sindku qal li qed nistennew risposta mingħand is-Sur Louis Pace fuq kemm ħa jiġi jiswa l-*internet* għal camera f'Misraħ il-Knisja ħalli nies ikunu jistgħu jaraw dak kollu li jkun qed iseħħ fil-pjazza tar-raħal permezz tal-*live streaming*.

51/02/11 **Para 50/03/01:** Is-Sur Aquilina spjega li s-Sinjura Cheryl Falzon għada ma kelmitniex lura fuq x'ser isir mil-Librerija Pubblika. Għaldaqstant kien hemm qbil li niktbu lil Onor. Ministru Evarist Bartolo sabiex issa li s-sular ta' fuq inbena, l-Librerija Pubblika terġa' tmur lura l-iskola.

51/02/12 **Para 50/03/03:** Is-Sur Aquilina qal li tlabna laqgħa mal-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima Dr Jose Herrera dwar l-inceneratur propost li jsir fil-Maghtab, imma għadu ma taniex data. Ġie deċiż li jekk fi żmien ġimgħa u nofs ma nirċevux risposta, noħorġu *press release* bħala Reġjun.

51/02/13 **Para 50/03/04:** Is-Sindku qal li d-*double yellow line* quddiem l-isqaq ta' fejn kien joqgħod is-Sur Ninu Tanti tneħħa.

51/02/14 **Para 50/03/05:** Is-Sur Aquilina qal li l-bozza mal-ħajt ta' dar nru 119 fi Triq San Ġwann saret u li issa qed nistennew min-naħa tal-ENEMALTA.

51/02/15 **Para 50/05/15:** Is-Sindku qal li tabella "Do Not Obstruct" nxtrat u tpoġġiet fi Triq il-Ġdida.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**51/02/16** **Para 50/05/15:** Is-Sur Aquilina qal li nxtrat l-*sleeping police* ġdida għal fejn dar nru 88 fi Triq l-Indipendenza.

**51/02/17** **Para 50/05/20:** Is-Sindku qal li s-*shredder* għal *uffiċċju* nxtrat.

**51/02/18** **Para 50/05/21:** Is-Sur Aquilina qal li żewġ tabelli li jindikaw l-i*speed limit* fi Triq Ferdinandu saru.

**51/02/19** **Para 50/05/22:** Is-Sindku qal li l-*cover* tax-xelter ħa titneħħa f'Mejju.

**51/02/20** **Para 50/05/23:** Is-Sur Aquilina qal li ż-żewġ tabelli ta' *No Parking* fi Triq F. Zarb saru.

**51/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**51/03/01** Is-Sindku tkellem fuq l-importanza li l-Kunsill jixtri fanali ġodda flok dawk l-iktar antiki. Hu qal li l-mudell irid ikun jixbaħ dak li għandna bħalissa. Żied jgħid li f'kull fanal iridu jsiru mqar 4 toqob sabiex ma jżommux ilma u *safety chain* ħalli jkunu sodi. Hu suġġerixxa li nibdew min-naħa tal-Fanal. Il-Kunsill ikkunsidra li jixtri fanali bil-bozoz LED peress li l-oħrajn dalwaqt jiġu *faced out,* dawn il-bozoz iservu iktar u ma tantx jaħlu dawl. Kien hemm qbil li nġibu fanal li jieħu l-bozoz LED ħalli l-Kunsilliera jkunu jafu kif ser ikunu.

**51/03/02** Is-Sur Aquilina ressaq suġġeriment sabiex isir *double yellow line* fi Triq l-Indipendenza k/m Triq Caravaggio. Kien hemm qbil unanimu.

**51/03/03** Is-Sindku spjega li aktarx ħa ssir laqgħa b'urġenza fl-aħħar t'April sabiex jiġu approvati l-Aġġustamenti proposti mill-Awdituri tal-Gvern għar-Rapport Annwali 2017.

**51/03/04** Is-Sur Aquilina qal li hu u s-Sur Carl Grech iltaqgħu mal-Onor. Dr Clifton Grima fuq l-art ta' Xwieki. Dr Grima talab li ssir talba uffiċjali mill-Kunsill u qal li hu lest li jipprovdi *walking track.*

**51/03/05** Is-Sindku tkellem fuq ir-restawr tal-*Victoria Lines* u spjega li ser tiġi organizzata laqgħa mir-Reġjun ma' Sur Norbert Gatt.

**51/03/06** Is-Sur Aquilina ressaq suġġeriment sabiex isir firrol mal-gate ta' Ġnien ta' Żagħruna. Kien hemm qbil unanimu li ssir.

**51/03/07** Is-Sindku ressaq suġġeriment sabiex issir *playhouse* fi Ġnien il-Paċi għat-tfal iż-żgħar minn 0-3 snin. Kien hemm qbil unanimu li ssir *site visit.*

**51/03/08** Is-Sur Aquilina qal li ħa ssir attività nhar il-5 ta' Ġunju 2018 – Festival tal-Istorja Militari l-Franċiżi fit-Tramuntana 220 Sena (Il-Mosta, Ħal-Għargħur, in-Naxxar). Din l-attività ħa ssir mill-fondi tar-Reġjun.

**51/03/09** Is-Sindku tkellem fuq it-trinek li qed isiru mill-ENEMALTA fi Triq Stiefnu Zerafa u fi Vjal ir-Repubblika.

**51/03/10** Is-Sindku qal li nhar it-22 ta' April bejn id-9:00am-1:00pm ħa ssir Clean-up ġewwa Top of the World. Il-Kunsill ħa jipprovdi skip, ingwanti, boroż suwed u boroż griżi.

**51/03/11** Is-Sur Aquilina tkellem fuq l-importanza li jkun hemm *bus bay* fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu halli jinqata l-ipparkjar tal-karrozzi tal-linja fil-Pjazza. Għaldaqstant qed nistennew risposta mingħand Transport Malta.

**51/03/12** Is-Sindku spjega li rċevejna l-*Grant Agreement* tar-*Rural Development Programme for Malta* 2014-2020.

**51/03/13** Is-Sindku ressaq it-talba ta' Sinjura Rose Saliba sabiex isiru 3 *parking spaces* fi Triq Santa Katerina. Kien hemm qbil unanimu li ssir *site visit.*

**51/03/14** Is-Sur Aquilina qal li jonqos l-aħħar pagament tar-*Resurfacing* ta' Triq Fra D. Mifsud.

**51/03/15** Is-Sindku spjega li l-erba' *gym equipment* saru u li issa qed nistennew l-*invoice* mingħand il-JGC.

**51/03/16** Is-Sur Aquilina qal li PA board meeting fuq il-Ġnien ta' Top of the World ħa tkun nhar l-20/04/2018.

**51/03/17** Is-Sindku qal li għandna napplikaw mal-ARMS sabiex ikollna servizz tad-dawl għat-*traffic lights*.

**51/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**51/04/01** Ma kienx hemm.

**51/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**51/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur George Abdilla – Ċir AKL 2018/034 – *Performing Rights Society.*

**51/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sinjura Melania Weglnska – *Yoga Classes at the Gharghur Local Council.* Il-Kunsill mhux qed jikkunsidra li jipprovdi klassijiet tal-*Yoga* peress li diġà qed jipprovdi klassijiet tal-Pilates. Fuq il-lezzjonijiet tal-Pilates, is-Sur Mario Gauci staqsa jekk il-ħlas hux qed isir direttament lill-għalliema kif kien ġie approvat. Is-S.E. infurmat li ma sarx hekk. Ġie deċiz għal darba oħra li meta jerġa' jibda kors ġdid, il-Kunsill jipprovdi s-sala b'xejn imma l-istudenti iħallsu direttament lill-għalliema halli ma jkunx hemm bzonn li dan il-hlas jidħol fil-kotba tal-Kunsill.

**51/05/03** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Joe Attard (Kap Eżekuttiv tal-Green MT) fejn qalilna li l-Green MT ser titermina l-ftehim li hemm in vigore bejn il-partijiet, tlett xhur mid-data tal-ittra (21-03-2018) jigifieri mhux ser tingabar aktar il-borza l-griza. Dan qed iseħħ minħabba l-fatti li ġejjin: a) L-ispiża tal-operat li l-iskema qed toħroġ biex tagħmel is-servizzi ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Hal-Għargħur ma hiex spiża sostenibbli; b) L-obbligu ta' ġbir ta' skart riċikklabli tal-Iskema Green MT għas-sena 2018 naqas b'ammont konsiderevoli; c) L-iskema Green MT qed toġġezjona għal mod kif qed taġixxi l-Awtorità

Kompetenti l-ERA fir-rigward ta' Kunsilli Lokali li jispiċċaw bla arrangement ma l-ebda Skema Awtorizzata; d) Il-posizzjoni meħuda mid-DLG vis a vis din id-deċiżjoni tal-ERA u e) L-iskema talbet biex id-dati tat-terminu bejn Skema u Kunsill Lokali tkun informazzjoni pubblika, liema talba lid-DLG sa issa ma ntlaqatx. Is-Sur Mario Gauci qal li fic-cirkustanzi ghandna naraw li jibqa jkollna servizz ta' gbir tal-borza l-griza kif ukoll ladarba l-Green MT qedin jitterminaw il-ftehim naraw li l-ammonti dovuti lilna jingabru. Is-Sindku spjega li għalissa aħjar nistennew imbagħad jekk jaqta' s-servizz nibagħtu ittra bl-Avukat sabiex sabiex jagħtina l-flus dovuti.

**51/05/04** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Nyal Xuereb fejn talab li jsir *double yellow line* fi Triq l-Indipendenza k/m Triq Caravaggio u talab ukoll li t-tabella ta' Triq Birguma tiġi No Entry except for residents (6am-9am) – Il-Kunsill laqa' t-talba li jsir *double yellow line* fi Triq l-Indipendenza k/m Triq mentri fuq it-talba ta' tabella sabiex Triq Birguma tiġi No Entry except for residents (6am-9am) spjega li din ma tistax issir.

**51/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mario Fava – Cir AKL 2018/035 – Seminar Fondi EU. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tattenti għal dan is-Seminar.

**51/05/06** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Philip Sammut sabiex il-Kunsill jerġa' jiddiskuti it-talba għal refund ta' €160 peress li allegatament għamel ħsara fir-rim u tyre tal-karozza waqt li kien qed isuq fi Triq Santa Katerina nhar it-12 ta' Frar 2018 fis-7:30pm – Il-Kunsill qal li d-deċiżjoni li ħa fl-aħħar laqgħa kienet finali u għalhekk ma għandux għalfejn jerga' jiftaħ dan il-każ.

**51/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Natalino Attard – ESF.04.0073 – 'PA+': Local Councils' Training Programme. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tattenti għal dan il-kors.

**51/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Nicholas Desira – *National Hearing Screening Initiative.* Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li nieħdu sehem f'din l-inizjattiva.

**51/05/09** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sinjura Marie-Jeanne Borg – Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern 19,975 tal-10.4.2018 – Popolazzjoni stmata għal kull lokalità 1.1.2017. Il-Popolazzjoni stmata għal Ħal Għargħur fl-1 ta' Jannar, 2017 kienet 2,773.

**51/05/10** Ġiet innutata korrispondenza minn Malta Textile Recycling – Textile Waste Door to Door collection. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tistaqsi lil ERA jekk Malta Textile Recycling huwiex awtorizzat li jiġbor tessuti bieb b'bieb.

**51/05/11** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sinjura Graziella De Cesare fuq tlett kwistjonijiet a) Talbet li l-Kunsill jibgħat ittra lis-Sinjura Pace peress li bniet rampa llegali; b) Li jsir *gutter* fi Triq Katerina Sammut u ċ) Li l-wiċċ ta' triq issir bi tarmac. Il-Kunsill diġà kien kiteb lil Planning Authority u ġie kkonfermat li s-Sinjura Pace bniet kif suppost. Barra minn hekk kien hemm qbil li l-Kunsill joħroġ permess li Sinjura Graziella De Cesare biex tagħmel *gutter* spejjeż għaliha, pero qabel turina kif gej. Fuq t-talba li l-wiċċ ta' Triq Katerina Sammut issir bi tarmac il-Kunsill diġà kiteb lil Onor. Dr Ian Borg.

**51/05/12** Ġiet innutata korrispondenza minn Marie-Jeanne Borg – Ċirkulari Numru SPI 3/2018 – Skema ta' Tagħlim u Proġetti Edukattivi fil-Komunità.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**51/05/13** Il-Kunsill irċieva stima mingħand is-Sur Jesmond Aquilina sabiex jagħmel manutenzjoni tal-arblu tal-pjazza (Total: €180 Ewro – il-prezz jinkludi l-VAT + iż-żebgħa). Kien hemm qbil li tiġi approvata din l-istima.

**51/05/14** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority*. Fuq PA/02352/18 [Proposed demolition of existing terraced house, excavation/extension to existing basement level to accommodate seven parking spaces, two ground floor maisonette's, two apartments at first floor, two at second floor and one penthouse at set back floor level, including a pool and pv panels at roof level. Alfred Debono, 2, Madonna tat-Triq, Triq l-Isqof S Gaffiero c/w, Triq in-Naxxar, Gharghur]. Il-Kunsill qabel li niċċekkjaw mal-Perit fuq kemm jistgħu jinbnew sulari fuq djar li nbnew fuq plots li kienu tqassmu taħt skema ta' Social Housing fi Triq l-Isqof S Gaffiero c/w, Triq in-Naxxar qabel ma noġġezzjonaw.

Fuq PA/02616/18 [To construct two bedrooms with ensuites at first floor level over an existing one storey dwelling. Works also include internal alterations and partial demolition of roof to instate a staircase. Nigel Mifsud, Molendinum 6, Triq il-Mithna, Gharghur]. Il-Kunsill qabel li niċċekkjaw ezatt l-applikazzjoni filkas noġġezzjonaw.

Fuq PA/2674/18 [Demolition of existing internal wall and roof slab; internal and external alterations and additions to existing structure for proposed Class 4A consultation room and hall at ground floor, ATM room at ground floor and a duplex apartment at first and second floor. Simon Castillo, 2, Triq San Bartilmew c/w, Triq il-Wiesgha, Gharghur]. Il-Kunsill qabel li s-Sindku jistaqsi lil Kappillan jekk fil-Kuntratt tal-bejgħ kienux ġew imposti kundizzjonijiet speċjali fir-rigward ta' lapidi, tabelli u Bus Stop li hemm mal-propjetà.

Fuq PA/2684/18 [Renewal of Permit PA00539/13 - (renewal of PA5414/05- alterations and additions to existing farmhouse and construction of pool) Ms. Natasha Busuttil, Gharghur Heights, Tal- Fanal off, Gebel San Pietru, Gharghur, Malta]. Il-Kunsill qabel li joġġezzjonaw peress li l-art ODZ.

**51/05/15** Fuq is-suġġeriment biex isiru *parking bays* fi Triq Mattia Preti u l-inħawi – Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li jekk isiru l-*parking bays* jonqos il-*parking.*

**51/05/16** Fuq it-talba għal marki mal-art (vleġeġ) madwar ir-*roundabouts* ta' Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu u tnejn ta' Triq Caravaggio – Kien hemm qbil li jsiru.

**51/05/17** Fuq it-talba biex issir *sleeping police* jew *speed limit* fi Triq Għaxqet l-Għajn (in-naħa tad-Duluri) - Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li diġà hemm biżżejjed.

**51/05/18** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Joseph Mula sabiex issir *sleeping police* bejn il-Każin tal-Banda u Hair Salon – Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**51/05/19** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Kenneth Nayo sabiex tinbidel ir-*rubber hump* ta' Triq Caravaggio għax ġiet catta (it-tielet waħda min-naħa ta' Triq Stiefnu Zerafa) – Kien hemm qbil unanimu li tinbidel.

**51/05/20** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Kenneth Nayo biex isiru immedjatament it-*traffic lights* fi Triq il-Ġnien minħabba l-periklu li hemm u l-argumenti li jinqalgħu – Il-Kunsill qed jaħdem sabiex it-*traffic lights* fi Triq il-Ġnien jiġu installati fi xhur li ġejjin.

**51/05/21** Fuq it-talba għal tabella *No heavy vehicles* fi Triq San Nikola – Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li diġà hemm tabella.

**51/05/22** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Jurgen Falzon biex jitneħħa *parking space* u ssir kaxxa għal mutur, fejn numru 80 fi Triq Stiefnu Zerafa, peress li ma jkunux jistgħu jidħlu fil-garaxx - Il-Kunsill qabel li ssir *site visit*.

**51/05/23** Is-Sur Mario Gauci ressaq ilment li hemm *inspection chamber* ċediet din tinsab quddiem il-Landmark Stationary fi Triq Stiefnu Zerafa. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lil Water Services Corporation sabiex jiġu jagħmlu t-tiswijiet.

**51/05/24** Is-Sur Mario Gauci staqsa dwar xogholijiet li qedin isiru fi Triq Għaxqet l-Għajn. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dan l-ilment kien diġà daħal fil-passat u li kienet kitbet lil Planning Authority. Peress li ghaddew diversi xhur u ma smajna xejn mill-Planning Authority ser issegwi biex tara fiex waslu l-investigazzjonijiet.

**51/05/25** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li TM qatt ma kienu awtorizzaw li Bus Stop jersaq lejn il-ground tal-futbol. Is-Sur Christopher Fenech spejga li dak kien tressaq b'mod temporarju sakemm isir xoghol ta bini. Infatti mal-Bus Stop kien hemm avviz li dan qed hemm b'mod temporarju. Peress li xi residenti oggezzjonaw li dan il-Bus Stop jibqa fejn hu gie deciz li jimxi iktar l-isfel fejn hemm il-kamra tal-ħaddiema peress li triq hi iktar wiesa'. Kien hemm qbil li niktbu lil Transport Malta.

**51/05/26** Talba ressaq sabiex il-kaxxa tal-parkeġġ fi Triq San Gwann titgħatta biż-żebgħa sewda. Kien hemm qbil unanimu.

**51/05/27** Is-SE ippreżentat talba li saret mill-ħaddiema klerikali sabiex issir ħġieġa fuq il-Front Desk sabiex ikunu iktar sikuri speċjalment nhar ta' Sibt meta jkunu waħidhom. Kien hemm qbil li niġbru tliet stimi u li l-ħġieġ irid jiġi kemm jista' jkun għat-tond.

**51/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**51/06/01** Ma kienx hemm.

**51/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**51/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**51/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**51/08/01** Il-laqgħa spiċċat fit-07:45p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 15 ta' Mejju 2018 fil-5:30pm.

*(firmati)*

**Ġiljan Aquilina**
**Sindku**

*(firmati)*

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**